MINUTI

GVERN LOKALI TA' XBIEX

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 - 2013

SEDUTA NUMRU 30

IL-ĦAMIS 24 TA' MARZU 2011 FIL-5.30 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

PREŻENTI

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY FARRUGIA | VIĊI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

TALBA

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

## I APPROVAZZJONI TA' MINUTI

i Il-minuti tas-Seduta 29 li saret fl-24 ta' Frar 2011 ittieħdu bħala moqrija.

ii Is-Sindku pproponiet li dawn jiġu approvati. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti ssekonda. Dawn ġew approvati nem con.

iii Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku A. Vassallo u mis-Segretarju Eżekuttiv M. Pisani.

## II PUNTI MILL- MINUTI

i Is-Sindku rreferiet għall-applikazzjoni li saret dwar l-iskema mnedija mill-Awtorita' tad-Djar dwar ir-riġinerazzjoni ta' l-oqsma madwar il-bini tal-Gvern. Hija nfurmat li din ġiet aċċettata u l-Kunsill irid jimplimenta dan il-proġett is-sena d-dieħla.

ii Dwar l-iskema l-oħra ta' l-Awtorita' tad-Djar li tinvolvi xogħlijiet ta' manutnezjoni fuq l-oqsma tal-Bini tal-Gvern is-Sindku qalet li ntbgħatu ittra ta' informazzjoni kif ukoll formoli biex jiġi maħtur Amministratur f'kull appartament. Hija qalet li 'l quddiem se ssir laqgħa għall-Amministratturi kollha biex jiġi spjegat lilhom iktar fid-dettal il-proċess ta' din l-iskema.

iii Dwar il-bozza ta' Triq Testaferrata l-Kunsill ġie nfurmat li din ġiet maqlugħa u nstallata fuq l-arblu ta' l-Enemalta li hemm fil-viċin. Dwar il-pagament relatat ma dan ix-xogħol is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra tal-Global Capital fejn dawn talbu li l-Kunsill jikkonferma li meta l-bozza temporanja tinqala' il-kumpanija ma terġax tintalab tħallas l-ispejjes involuti. Il-Kunsill ikkonferma dan.

Antoinette Vassallo — Sindku

Marisa Pisani — Segretarju Eżekuttiv

## II PUNTI MILL- MINUTI (… ikompli)

iv Dwar il-proġett tal-photovoltaic panels is-Sindku nfurmat li l-cable ġie mgħoddi u anke saret l-applikazzjoni għall-installazzjoni ta' l-arloġġ tal-PV mill-Enemalta. Hija qalet ukoll li qed nistennew il-permess biex jiċċaqlaq l-arloġġ tad-dawl eżistenti u tiġi nstallata l-kaxxa tad-dawl.

Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li ż-żewġ kuntratti li kienu għadhom ma ġewx preżentati minn naħa tas-sidien issa waslu u ġew mgħoddija lin-Nutar Burlo'.

v Is-Sindku rreferiet għar-riżoluzzjoni dwar tqassim ta' boroż griżi b'xejn lir-residenti. Hija nfurmat li fil-ġranet li ġejjien uffiċċjali tal-GreenMT se jkunu fil-Kunsill biex iqassmu dawn il-boroż.

vi Is-Segretarju Eżekuttiv rreferiet għall-Bye Law dwar il-korsijiet u nfurmat li qiegħda tanalizza Bye Laws ta' Kunsilli oħra biex tinstab l-iktar waħda addattata għal dan il-Kunsill.

vii Is-Sindku rreferiet għall-proġett tar-roundabout u nfurmat li t-tiles twaħħlu fil-parti ta' taħt it-tmun u issa baqa' li l-funtana tiġi mbajjda minn ġewwa u titwaħħal il-pompa f'posta. Dwar it-talba tal-Kuntrattur Twish il-Kunsill ġie nfurmat li dan ma kkonfermax li x-xogħlijiet kollha se jkunu konklużi sa l-aħħar ta' Marzu 2011 u għaldaqstant il-pagament ma sarx.

viii Is-Sindku nfurmat li x-xogħol fuq il-konok se jibda' dalwaqt. Hija qalet li tkellmet mas-Sur A. Camilleri u dan infurmat li se jibda' x-xogħlijiet fuq it-tieni parti ta' l-iżvilupp u magħhom se jkompli għaddej bix-xogħol fuq il-konok.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## II PUNTI MILL- MINUTI (... ikompli)

ix Dwar ir-rapport li jrid jagħmel il-Perit dwar l-istat tal-kolonni u l-ħadid li hemm fil-Marina u Fuq ir-Rampa is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Perit ġie nfurmat b'dan.

x Dwar id-deċiżjoni tal-Kunsill biex it-tabella ta' ħdejn il-Knisja tinbidel għal waħda boarding/alighting, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li għad m'għandiex l-approvazzjoni tat-Transport Malta peress li dawn waqqfu kull kommunikazzjoni ma dan il-Kunsill minħabba l-kwestjoni tal-un/loading bay fi Triq A. Ridord.

Il-Kunsillier E. Muscat irrapporta li hu ħa personalment lit-TM l-aħħar korrispondenza li saret mill-Kunsill dwar din il-materja.

xi Dwar il-possibilta ta' ġemellaġġ mal-Kunsill ta' Isle of Bute fl-Iskozja il-Kunsill ġie nfurmat li ntbgħatet korrispondenza f'dan ir-rigward.

xii Dwar it-talba ta' xi residenti ta' Fuq ir-Rampa biex tiġi mplimentata l-iskema ta' ipparkjar għar-residenti f'din it-Triq il-Kunsillier A. Cachia Castelletti qal li reġa' tkellem mar-residenti u l-maġġoranza tagħhom mhux favur l-iskema.

Il-Kunsillier E. Muscat qal li hu ppreżenta petizzjoni ta' diversi residenti li wkoll ma jaqblux ma din l-iskema.

*xiii* Dwar il-Konferenza "Tough times, Practical Solutions" is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li għamlet provisional booking. Hija qalet li għadha qed tindaga mal-Kumpanija KD Travel biex issib prezz tajjeb għall-biljett ta' l-ajru.

Antoinette Vassallo — Marisa Pisani
Sindku — Segretarju Eżekuttiv

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

i Is-Sindku nfurmat li t-tabella li sar lment dwarha minn xi residenti fi Triq l-Ambaxxati tressqet.

ii Ġiet diskussa applikazzjoni lill-MEPA għal change of use minn residenza għal uffiċċju u ġie deċiż li ssir oġġezzjoni skond riżoluzzjoni li kien għadda il-Kunsill.

iii Is-Sindku nfurmat li fl-aħħar laqgħa tal-Kumitat Konġunt għall-Infurzar Lokali reġgħhu tqassmu l-flus lil kull Kunsill u l-Kunsill tagħna ingħata Euro 8,000.

Iv Il-Kunsill ġie nfurmat bil-laqgħa li saret il-MEUSAC dwar fondi mill-EU permezz tal-Program IEE (Intelligent Energy Europe). Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill jiġġarteċipa peress li dan jikkumplimenta l-Patt tas-Sindku biex sas-sena 2020 jitnaqqsu l-emmisjonijiet b'20%. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## IV KOMMUNIKAZZJONI MILL-KUNSILLIERI

i Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti ressaq diversi lmenti u suġġerimenti biex tittieħed azzjoni dwarhom. Il-lista ta' dawn se tiġi mgħoddija permezz ta' email lis-Segretarju Eżekuttiv għall-attenzjoni meħtieġa.

Huwa tkellem ukoll dwar il-bankina li qiegħda iktar gholja milli suppost quddiem garaxx fi Triq U. Mifsud kantuniera ma Triq G. Cali'. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja kif ukoll il-bankina li trid issirlha drop kerb fi Triq A. Bartolo. Ġie deċiż li nkellmu kuntrattur privat peress li dawn ix-xogħlijiet huma urġenti.

| | |
|---|---|
| Antoinette Vassallo | Marisa Pisani |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

## IV KOMMUNIKAZZJONI MILL-KUNSILLIERI (ikompli ...)

ii Il-Kunsillier E. Muscat ukoll ippreżenta lista ta' ilmenti u suġġerimenti.

Huwa rrapporta wkoll dwar il-laqgħa li attenda dwar l-attivita' Earth Hour. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-iskop hu li l-bozoz jinbiddlu kollha għal-LED's. Is-Sindku nfurmat li fil-ġurnata ndikata ġie mitlub li bejn it-8 u d-9p.m. jintefgħa d-dawl dekorattiv tal-promedade u l-marina.

iii Il-Kunsillier F. Roe ukoll ippreżenta lista ta' ilmenti u suġġerimenti. Dwar it-tabella li tindika li minn Triq Abate Rigord tista' tgħaddi għal Triq Testaferrata s-Segretarju Eżekutiv ħadet l-inkarigu li din tiġi ordnata. Il-Kunsillier ħa l-inkarigu wkoll li jgħaddi lista ta' tabelli li għandhom bżonn jinbidlu lis-Segretarju Eżekuttiv.

## V APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI

i Il-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti li ġiet iċċirkulata minn qabel lill-Kunsillieri. Ġie approvat ukoll il-petty cash.

**Il-Laqgħa spiċċat fit-8.00pm. u sar aġġornament għal nhar it-Tlieta 19 ta' April 2011 fil-5.30p.m.**

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv